KLR 45/VII/2016

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar is-Sibt 27 t'Awwissu 2016 fis-13.00.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri Joseph Debrincat, Maria Portelli, u Marċel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATI: Il-membri Michel Buttiġieġ u Anthony Briffa.

**1. Talba**

Intqalet it-talba.

**2. Approvazzjoni tal-minuti**

Ġew approvati l-minuti tal-aħħar laqgħa.

***3. Partial Review to the Gozo and Comino Local Plan* (2006)**

Is-Sindku beda d-diskussjoni fejn qal li ħaseb ħafna fuq il-kwistjoni tal-bini ta' skola ġdida fl-*area* tal-*playing field*. Hu ġie kkuntatjat ukoll mill-Ministru tal-Edukazzjoni, Evarist Bartolo. Il-Kunsill dejjem kien tal-fehma li f'din l-*area* kollha ma jsirx bini. Dan kemm fiż-żmien li kien qed jiġi propost il-*Communal Centre* u anke' fi żmien li kien ġie propost li jinbena l-Qorti fil-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*Bus Terminus*. Il-Kunsill dam snin twal jaħdem sabiex akkwista d-devoluzzjoni tal-*playing field* u l-aħħar parti ġiet devoluta fis-sitt leġislatura sabiex imbgħad dan il-Kunsill beda bil-porġett ta' tisbieħ b'fondi Ewropej. Is-Sindku qal ukoll li anke' bħala President tal-*Goza Football Association* (GFA) kien għamilha ċara li għandhom jitqiesu l-eżiġenżi u li l-interessi tat-tlett klabbs tal-futbol tar-Rabat . Mal-klabbs għamilha ċara wkoll li huwa fil-posizzjoni ta' Sindku kellu affarijeit oħra x'jikkunsidra apparti mill-kariga tiegħu ta' President tal-GFA. Tenna li ma jsibx oġġezzjoni jekk isir parkeġġ taħt il-grawnd Leli Farrugia. Is-Sinkdu qal li kulhadd jifhem li hemm bżonn ta' skola primarja ġdida fir-Rabat. L-*issue* tal-Kunsill hi għandiex issir skola f'din l-*area*. Minn naħħa tal-persuni li jamministraw l-iskola primarja tar-Rabat, dawn jaqblu għall-bżonn ta' skola ġdida pero' l-post fejn din tinbena jiġi deċiż minn naħħa tal-Gvern Ċentrali.

Il-Viċi Sindku ddikjara li persuna mill-familja tiegħu għandha propjeta' f'*The Duke*, pero' l-pjanti proposti fil-Pjan Lokali ma jidhrux li ser jagħlqu l-*area* ta' dan il-kumpless. L-aħħar indikazzjonijiet li għandu huma li ser tittieħed parti mill-*playing filed*, parti mill-grawnd Leli Farrugia u t-triq ta' wara l-*Aurora*. Żied li waqt laqgħa li kienet miftuħa għall-ġenituri tat-tfal li jattendu l-iskola primarja tal-Vajrinġa, l-Ministru tal-Edukazzjoni qal li fejn tkun ser tinbena skola ġdida jrid ikun hemm *area* ta' mill-inqas 3,000 metru kwadru. Il-Viċi Sindku qal li l-parti tal-iskola sekondarja tal-bniet li mhix ser tibqa' tintuża, fiha kważi 7,000 metru kwadru. Jekk wieħed jara wkoll il-parti li mhix mibnija mill-*area* tal-iskola sekondarja tas-subien u ma titqiesx il-parti li ngħatat lill-*Heritage Malta*, hemm ukoll 'l fuq minn 3,000 metru kwadru. Hu qal li din l-*area* hi idejali għall-skola ġdida li fiha diġa' hemm t-traffiku pjanat biex jakkomoda l-esiġenzi tal-iskejjel li diġa' hemm. Il-Viċi Sindku għarraf lill-preżenti li waqt il-laqgħa li l-Ministru tal-Edukazzjoni kellu mal-ġenituri, dawn issuiġġerew li l-iskola tinbena fl-*area* tal-iskejjel sekondarji. Il-Minsitru qalilhom li dan il-post mhux ikkunsidrat. Schembri żied jgħid li fil-fehma tiegħu ma jgħamilx sens li tinbena skola fuq parkeġġ minħabba konġestjoni u tniġġis fl-arja.

Joe Debrincat qal li billi fl-aħħar laqgħa l-kunsillieri Buttigieg u Briffa kellhom jitilqu ftit qabel spiċċat il-laqgħa u hu ssuġġerixxa li din il-materja tiġi diskussa wkoll fil-presenza tagħhom u għall- laqgħa tal-llum ma setgħux jattendu, Debrincat qal li xtaq joħroġ u ma jipparteċipax fid-diskussjoni. Għaldaqstant Debrincat ġie skużat u ħareġ mill-laqgħa.

Maria Portelli qalet li taqbel li l-*area* tal-*playing field* ma tintmessx. Hi qalet li bħala kunisllieri jafu l-esiġenzi tan-nies tar-Rabat. Qalet li ma sarux konsultazzjonijiet mal-Kunsill sabiex il-membri jkunu jistgħu jwasslu l-veduti u l-proposti lir-residenti. Portelli qalet li fl-*area* ta' Triq Fortunato Mizzi hemm sistemazzjoni aħjar għal-iskejjel, anke' mill-lat ta' traffiku. L-iskola primarja tar-Rabat qed tiġi frekwentata anke' minn tfal mhux mir-Rabat u l-Kunsill m'għandux isib diffikulta li tinbena skola ġdida u akbar, pero' mhux fl-*area* tal-*playing field*. Il-Kunsill għandu jipproponi li l-*area* tal-*playing field* ma tiġix intatta sabiex nissalvagwarjdaw l-edukazzjoni tat-tfal tagħna wara l-ħin tal-iskola.

Marcel Tabone qal li mhux kontra li tinbena skola primarja ġdida li tkun addattata għaż-żminijiet tal-llum pero' l-post fejn tinbena għandu jkun idejali u ma jnaqqasx mill-unika spazju miftuħ li għandna fil-qalba tar-Rabat. Qal ukoll li l-bini fejn hemm l-iskola primarja fi Triq Vajrinġa kien ikun aktar addattat għall-*Heritge Malta* u l-iskola tinbena fejn fil-passat kien hemm l-iskola sekondarja Ninu Cremona (tas-subien).

Wara li l-membri kollha wrew il-veduti tagħhom is-Sindku propona li l-Kunsill iressaq dawn il-proposti fiż-żmien ta' konsultazzjoni permezz tal-Perit rigward il-*Gozo & Comino Local Plan Partial Review (2006), Primary Government Insitutions and Open Area Policies, MEPA March 2011*:-

- Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għall-żvilupp fl-*Area* B u fl-*area* tal-Ministeru għal-Għawdex.

- Il-Kunsill jaqbel li ma  jsir ebda' bini l-fuq mill-art eżistenti fl-*Area* A apparti dak approvat fil-Partial Review tal-2011.  Il-Kunsill mhux kontra li jsir parkeġġ taħt il-*Bus Terminus*, taħt l-parkeġġ il-kbir ta' wara u taħt il-grawnd.

- Il-Kunsill jaqbel li m'għandux jintmess il-*playing field*.

Il-membri qablu li dawn għandhom ikunu s-sottomissjonijiet li l-Perit għandu jressaq għan-nom tal-Kunsill waqt il-porċess ta' konsultazzjoni tal-Pjan Lokali.  Il-pjanta annessa f'Dokument A tindika l-*area* in kwistjoni.

**4. Materji oħra**

Is-Sindku propona li l-Kunsill jesplora proġett li ġie mressaq minn student fil-Fakulta tal-Periti. Dan il-proġett jismu 'Aqra: *A Silent Tea Room*'.  Hu suġġerixxa li jekk hu fattibli dan il-proġett isir fil-*playing field* fejn ikun hemm post trankwill fejn wieħed ikun jista' jmur jaqra.  Il-membri qablu.

Il-laqgħa spiċċat fis-14.00.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi<br>Sindku | Miriam Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |